


Sensiela Mro. Angelo Pullicino (1904-79)

# ***Tramonto Incantevole*** (Marcia Sinfonica) – It-Tieni Parti (V)

Angelo Pullicino (1904-79)

Manoel Pirotta
manoel.pirotta@um.edu.mt

Astratt: Kif forsi mhux kulħadd jaf, is-sena l-oħra ħabtu żewġ anniversarji f'daqqa għas-Surmast Angelo Pullicino, il-110 snin mit-twelid tiegħu fl-4 ta' Diċembru 1904, u l-35 sena mill-mewt tiegħu li ġrat fl-20 ta' Settembru 1979. L-ewwel parti ta' dan l-artiklu kienet dehret fil-ħarġa tas-sena l-oħra. Fiha kont tkellimt fuq dan ix-xogħol b'mod ġenerali. Kif wgħedtkom ukoll, f'dit-tieni parti ser nidħol f'aktar dettal f'dik li hi struttura u flimkien nanalizza l-ħjut mużikali li minnhom huwa msensel dan ix-xogħol.

Kliem muftieħ: Kliem muftieħ: Marċ sinfoniku, *Tramonto incantevole*, Mro. Angelo Pullicino, Mro. Ġanni Vella, Ġiljan (Ġillu) Grech, Soċjetà Filarmonika Nicoló Isouard, Soċjetà Karmelitana u l-Banda Queen Victoria Żurrieq, Banda San Ġiljan.

Qabel ma niġi biex nitkellem fid-dettal fuq il-varji taqsimiet ta' dan il-marċ sinfoniku, fadalli ngħid xiħaġa oħra fuq dawk l-istrumenti li kont ħallejt barra fl-ewwel parti ta' dan l-artiklu. Dawn huma l-istrumenti tal-perkussjoni.




L-involviment tat-timpani jkompli jikkonferma kemm dax-xogħol kien intenzjonat għalbiex jindaqq biss fuq planċier. Dan, għas-sempliċi raġuni li, mhix ħaġa prattika li toqgħod iġġorr dawk il-ktieli kbar maqluba rashom 'l isfel waqt li l-marċ ikun għaddej fit-triq. Ikun possibli biss jekk, bħalma qed taraw fl-istampa t'hawn taħt, ikollok xi bandist li jitħajjar jirkeb fuq xi żiemel, u bit-timpani mdendlin wieħed fuq kull naħa ħalli jkun jista' jtambar fuqhom. Fil-partitura ma jispeċifikax fuq liema noti għandhom jiġu ntunati t-timpani, Dan peress li, in-noti, apparti li bi żball inkitbu fil-kjavi tal-vjolin minflok tal-baxx, tniżżlu kollha fit-tielet spazju minn tal-pentagramma. Biex tgħaxxaqha, meta s-Surmast Ġanni Vella (1890-1955) ġie biex joħroġ il-parti għalihom kellu jdur fuq l-immaġinazzjoni tiegħu stess għax fil-partitura ma seta' jsib l-ebda ħjiel tagħhom minħabba li din hija waħda ridotta. Dan hu l-iżvantaġġ meta partitura ma tkunx sħiħa. U għalkemm Vella rnexxielu jagħmel dan, xorta jibqa' l-fatt li, min jiġi biex idoqq minn fuq din il-parti ser isib biss quddiemu ritmi, rollijiet u aspetti, u sta għat-timpanist biex isib fuq liema nota jrid idoqqhom. Is-soltu, par minnhom ikun biżżejjed għal xogħol bħal mhux dan, imma jekk banda ma jkollix minnhom, jew talanqas issib tikrihom, ikollha tirrikori għal xi forma ta' tanbur mdaqqas skurdat (bħal ngħidu aħna, fi żmenijietna, xi *floor-tom* bil-ġilda ftit merħija biex ma joffri l-ebda nota fissa). B'dan il-mod, ikun jista' xorta waħda jimla kif jista' bil-ħoss perkussiv tiegħu.



*A 17th-century Mounted Drummer*




Il-qniepen tubulari wkoll qedin biex jindaqqu biss fuq planċier u huma wisq goffi biex wieħed joqgħod iġorrihom fuq spalltu. Wisq probabbli, f'dan il-każ ukoll, Vella ħoloq parti għalihom, anki jekk ma jidhru mkien fil-partitura. Iżda, ngħidilkom xi ġrali jien meta l-banda li kont qed nidderieġi ġiet biex tesegwixxi dan ix-xogħol, għalkemm stajt nobsor x'ser jiġri meta tal-qniepen ġie biex idoqq minn fuq il-parti. Sibt li mhux possibli li ddoqq dawk in-noti kollha fit-temp mgħaġġel ta' marċ. Il-qniepen mhux qedin hemm biex tagħmel użu minnhom b'dak il-mod, għas-sempliċi raġuni li, il-ħoss tagħhom jibda jiġma' tant malajr li n-noti jispiċċaw jirkbu fuq xulxin, bil-konsegwenza li, il-melodija ma tibqax tingħaraf minn Adam. Huwa minnu li, l-apparat għandu mekkaniżmu li permezz tiegħu jista' joħnoq id-diwi tagħhom, imma qniepen, qniepen jibqgħu. Dan għaliex, il-ħoss tagħha jikkonsisti f'serje armonika ta' toni 'l fuq min-nota li tkun qed tinstema'. Għaldaqstant, ridt insib malajr, imma b'għaqal, soluzzjoni għal din il-problema żgħira għax ma ridx li nitlef mis-seħer tagħhom f'xogħol bħal mhu dan. Fil-fatt, kien hemm aktar minn soluzzjoni waħda billi, (a) nagħmel użu minn strument bit-tastiera li jista' jimita l-ħoss tagħhom u fl-istess waqt jikkontrolla d-diwi esaġerat tagħhom, jew (b) nagħmel użu minn ċimblu, silofonu jew strument ieħor simili. Fil-każ tiegħi mort għal soluzzjoni (b) peress li dakinhar tal-kunċert kelli min idoqq fuq iċ-ċimblu.




Niġu issa għat-tanbur. Dan ukoll kellha tinħariġlu parti ġdida fin-nuqqas tal-qadima, li aktarx intilfet. Peress li, fil-partitura mhemm xejn imniżżel ta' dan l-istrument, Vella żgur li mexa fuq ir-ritmu tal-korni. F'din l-istess parti jidħol ukoll it-trijanglu (jew trepied) f'battuti 24-5 u 32-3. Dan ukoll huwa strument tal-perkussjoni li normalment ma jintużax waqt li l-banda tkun għaddejja bil-marċ. Bħala strument jagħmel sabiħ ħafna għax ikompli jżid mal-atmosfera affaxxinanti li diġà teżisti. Jista' jkun li, l-idea li jintuża t-trijangolu ma kenitx ta' min oriġinarjament kiteb il-marċ, imma kienet ġejja minn min kiteb il-parti tat-tanbur ħafna snin wara. U biex tat-tanbur ikun jista' jdoqqhom it-tnejn, ikun jinħtieġlu jorbot it-trijanglu mat-tarf tal-leġiju, biex meta jasal il-waqt, kemm iċenċel daqqtejn ħfief fuqu.

Il-parti l-oħra, dik tal-*gran cassa*, awtomatikament tinkludi wkoll id-daqq tal-platti. Din ukoll kellha tinħareġ mill-ġdid peress li kienet nieqsa mis-sett oriġinali. F'każijiet bħal dawn, fejn qalja jkun hemm immarkat fejn għandhom jidħlu l-platti, wieħed irid joqgħod ferm attent biex ma jgħarraqx il-mużika b'ħafna dħul żejjed min-naħa tagħhom. Ġeneralment, meta jiġu biex jindaqqu, tal-platti jiddeċiedi li jaqbad u jimxi mal-kolpi tal-katuba minn jeddu, speċjalment meta xi passaġġ ikun immarkat qawwi (*forte*). Hu jkun mingħalih li, bl-istorbju li tkun għaddejja fih il-banda dak il-ħin, billi wieħed izid iz-zinnanati mhux ser taqa' d-dinja. Minnu li, f'każijiet bħal dawn l-esperjenza taf tgħodd, imma dak li jkun, xorta jonqos meta ma ssirx konsultazzjoni dwarhom kif suppost mas-surmast. Importanti wkoll li, min-naħa tiegħu, dan tal-aħħar ikun jaf x'qed jistenna mingħand tal-platti u mhux iħallih ifajjarhom bla rażan. Bħala eżempju nieħdu il-marċ li għandna f'idejna fejn, mad-daqqa t'għajn, wieħed jinnota li, il-platti u l-katuba għandhom ħafna aspetti u allura mhux possibli li jipparteċipaw fihom. Dan ikompli jikkonferma il-għaliex dan il-marċ sinfoniku huwa intiż biex jindaqq biss fuq planċier, għax mhux soltu li tgħaddi bih fit-triq meta l-katuba tieqaf tħabbat għal tulijiet sħaħ ta' ħin. Biss biss, din għandha 16-il battuta aspett fil-bidu tal-ewwel replika, 14-il u 18-il battuta f'għadd numru 2 u 3 ta' waqt il-prova rispettivament, u 16-il battuta oħra minn ta' numru 4. Fit-triju imbagħad, m'għandha



xejn xi ddoqq fl-ewwel 11-il battuta tal-introduzzjoni, l-ewwel 16-il battuta minn tar-replika, u t-tmien battuti oħra f'għadd numru 6. Dawn tal-aħħar huma segwiti minn kolp wieħed ħafif fuq il-katuba u l-pjatti fil-battuta ta' wara (dan il-kolp huwa mmarkat *piano*, u taħtu hemm ukoll imniżżel il-kelma *tutti*, li tfisser li t-tnejn għandhom jidħlu jdoqqu), u warajh, jerġa' battuta oħra aspett, qabel ma sa fl-aħħar jidħlu kisknijiet, u f'krexxendo ta' żewġ battuti biss, jingħaqdu għalenija mal-bqija tal-banda biex iwasslu l-marċ fi tmiemu.




Fir-rigward tal-platti, hemm biss tlitt istanzi fejn dawn għandhom jidħlu, għax mill-qbija ma jidhru mniżżlin imkien aktar fil-partitura. Dawn l-istanzi qedin f'battuti $102^{2}$, $107^{2}$, u $130^{2}$, jiġifieri dejjem fuq it-tieni kwart ta' kull battuta msemmija. Kull waħda minn dawn it-tliet tifqigħat fuq il-platti għandha kuruna fuqha, sinjal li, id-dewmien tagħha għandu jinżamm itwal mill-valur imniżżel. Għal dan il-għan, l-entratura tagħhom kellha titniżżel, kemm fuq il-partitura, kif ukoll fuq il-parti minħabba li dawn ser ikunu qedin idoqqu weħidhom. Is-solijiet tniżżlu fir-raba' pentagramma u tqiegħdu fir-raba' spazju u mmarkati kif spjegajna. Fil-każ tal-parti iżda, dawn tqiegħdu fit-tielet spazju, biċ-ċans li jiġu mitfixkla mal-parti tat-trijanglu li, hu wkoll tniżżel fuq l-istess spajzu. Mill-bqija, l-uniku tliet postijiet oħra li fihom hemm indikazzjoni ċara li l-pjatti jistgħu jidħlu jdoqqu huwa biss f'dawn il-battuti li ġejjin: 36, 44, u 171, bl-ewwel u l-aħħar waħda mtennijin, peress li jinsabu maqbudin ġor-replika.

F'din l-istess parti jidħol ukoll id-daqq tat-trijanglu f'għadd numru 3 ta' waqt il-prova, u f'battuti 155 u 163 b'żewġt iċnieċel f'kull waħda. Issa, la n-noti tiegħu huma mniżżlin hawnhekk, xiħadd minnhom it-tnejn, meta jasal il-waqt, irid idoqqhom billi, jew juża l-istess trijanglu li jkun hemm imdendel għal-lest quddiem tat-tanbur, jonkella juża ieħor differenti għall-kumdità tiegħu. Wara kollox, mhux importanti fuq liema trijanglu wieħed għandu jdoqq l-aħjar, għax il-katuba u l-pjatti m'għandhomx idoqqu hawnhekk, u l-passaġġ in kwestjoni u mdawwar b'ħafna aspetti miż-żewġ naħat. Il-ħaġa kurjuża hi li, kif dan il-passaġġ ma ngħatax mill-ewwel lil tat-tanbur meta dan kien diġà daqq xi tokki fuqu ftit qabel. Jerġa', il-parti tiegħu, bħall-oħrajn, hija wkoll mimli tilja aspetti hawnhekk. Dan kollu li qedin ngħidu jgħodd ukoll għall-battuta 155.

Dwar il-partijiet l-oħra li jiena ħrigt bil-kompjuter tiegħi ngħid biss li, dawn ħriġthom għal raġunijiet varji, ewlenija fosthom dik li, nakkjerixxi l-ħoss tradizzjonali tal-banda biż-żieda ta' strumentali orkestrali bħalma huma l-obwe u l-fagott. Fil-każ tal-ewwel, ħadt ħsieb li ma nbellagħlux ħafna noti għalxejn għal żewġ skopijiet; (1) biex leħnu jispikka aktar kull darba li jiġi biex jidħol u għaldaqstant, l-effet pastorali tiegħu jħalli mpatt aktar qawwi fuq is-semmiegħa u, (2) biex nevitalu milli joqgħod jonfoħ il-ħin kollu f'dawk il-par qasab daqs naqra biex imbagħad, meta jiġini għal xi solo, xofftejh u l-muskoli tal-ħalq ikunu diġà għejjewlu. Fil-każ tat-tieni, tajtu parti b'rwol doppju fejn, drabi jakkumpanja biss, u darbi oħra jingħaqad mal-ewfonji fil-kuntrakant b'dak il-leħen tenorili tiegħu. Il-fagott jaf ikun effettiv fin-noti l-baxxi daqskemm f'dawk akuti. Iż-żewġ strumenti l-oħra, il-vjolinċell u s-*synthbass* (li jimita lill-kuntrabaxx) huma t-tnejn strumenti tal-korda. Il-vjolinċell għandu l-istess reġistru tal-ewfonju u, peress li juża l-ark, apparti li jaf ikunlek effettiv ħafna fl-attakk tan-noti, żgur li ser jikkontribwixxi għall-melodiji aktar melsin. Min-naħa tiegħu, is-*synthbass*, qed hemm mhux biss biex jikkonsolida l-linja l-baxxa, imma wkoll biex iżomm il-puntwalità fl-attakk tan-noti li jiġu min-naħa tal-baxxi. Rigward il-parti tal-flawt, din kelli noħroġlu waħda għax ma teżistix fis-sett oriġinali. Il-parti l-oħra, dik tal-ottavin, ma kenitx tajba peress li taqra in Re*b* meta l-flawt ma jittrasponix mużika. U b'hekk niġu għall-aħħar waħda, dik tal-pjanu, li hu strument bit-tastiera. Nibda biex ngħid li, din mhix riduzzjoni tal-partitura, tant li fiha, ftit huma l-waqtiet fejn daħħalt il-melodija. Minflok, iffukajt aktar fuq l-andament ritmiku bil-għan li nagħti aktar saħħa lill-akkumpanjament li fih, il-korni u t-trumbuni biss jagħtu sehemhom f'dawk li huma akkordji.



**FORMA** u **ANALIŻI**: Kull xogħol mużikali irid ikollu xi tip ta' forma fuqiex ikun jista' jserraħ, u l-marċ sinfoniku *Tramonto Incantevole* mhux eċċezzjoni. Bħala ġeneru, il-kitba tal-marċi tibqa' waħda mill-aktar forom imfittxija mill-kompożituri Maltin ta' kull żmien li tħajru jiktbu xogħlijiet għall-banda. Fil-lista tal-aktar tliet tipi ta' marċi popolari, dak brijuż jiġi fl-ewwel post, segwit minn dawk funebri u sinfoniċi. Matul żmenijiet differenti wkoll, surmastrijiet tal-marċi ppurvaw iħaddmu diversi stili fihom fosthom dak Spanjol, saħansitra esperimentaw b'motivi orjentali. Imma, minkejja dan kollu, il-marċ Malti jibqa' dak li hu, tal-widna, anki jekk forsi dak tallum hu xi ftit anqas mirqum minn kif kien jinħadem dari, speċjalment fejn jidħol il-kuntrakant. Ġieli tismagħhom jgħidulek li, biex iddoqq marċ tas-snin 50 u/jew 60 irid ikollok banda armata sewwa. U tassew hekk hu, għax il-mod kif kienu jinkitbu, jekk ma jkollokx l-istrumenti kollha jdoqqu, speċjalment ir-ram fuq in-naħa ta' wara, jinstemgħu daqslikieku hemm xiħaġa nieqsa fihom. (Fir-ritratt t'hawn fuq jidher l-awtur ta' dan il-marċ sinfoniku, is-Surmast Angelo Pullicino f'mument aktar rilassanti mis-soltu bħal meta jkun qed jidderieġi xi programm fuq planċier.)

Fil-qofol tiegħu, il-marċ Malti jibqa' jħaddan il-forma ternarja, jiġifieri biċċa mużika maqsuma fi tliet taqsimiet differenti, kollha b'tema għalihom. Fil-każ tagħna, l-ewwel u t-tielet taqsima, dak li aħna s-soltu nsejħulha t-triju, huma replikati, jiġifieri l-passaġġ li jiffurmahom jirrepeti ruħu. Mhux l-istess għall-passaġġ tan-nofs, fejn Pullicino ried li, minflok jirreplikah, jerġa' jikteb l-istess mużika għal darba tnejn ħalli jkun jista' jbiddel xi affarijiet minnha fosthom, l-akkumpanjament. Kemm l-ewwel taqsima, kif ukoll it-triju tasal għalihom permezz ta' introduzzjoni. Fil-każ tagħna wkoll, peress li l-marċ hu wieħed sinfoniku, jagħlaq b'koda li tinkludi żieda ta' ftit battuti f'temp ta' miżura differenti biex ix-xogħol ikun jista' jagħlaq b'mod maestuż. It-tabella ta' hawn taħt tispjega l-mod kif inhu mqassam sewwa x-xogħol:

| Taqsima | Deskrizzjoni | Battuti | Rimarki |
|---|---|---|---|
| A | Introduzzjoni | 001 - 017 | |
| | L-ewwel replika | 018 - 048-9 [$50$-$51^{1}$] | |
| B | a | $051^{2}$ - $067^{1}$ | |
| | b | $067^{2}$ - $083^{1}$ | |
| | $a^{1}$ | $083^{2}$ - $098^{1}$ | |
| | Fanfarra | $098^{2}$ - $111^{1}$ | |
| | $a^{2}$ | $111^{2}$ - $126^{1}$ | |
| | Fanfarra | $126^{2}$ - $136^{1}$ | |
| Ċ | Introduzzjoni | 137 - 147 | |
| | Triju | 148 - 179 | |
| | Koda | 180 - 185 | |

Mit-tabella ta' hawn fuq wieħed jinnota li, it-tliet taqsimiet il-kbar, immarkati (A), (B), u (Ċ) rispettivament, għandhom bejn wieħed u ieħor l-istess ammont ta' battuti, li jagħmlu minn dan ix-xogħol wieħed estetikament bilanċjat. Fil-fatt, (A) li tinkludi l-introduzzjoni u l-ewwel replika = 49 battuta; (B) li tinkludi t-taqsimiet iż-żgħar u l-fanfarri = 85 battuta; (Ċ) li tinkludi l-introduzzjoni u t-triju = 49 battuta. Mad-daqqa t'għajn wieħed jaħseb li, (B) hija ħafna itwal mit-taqsimiet l-oħra. Imma, hawn iridu noqgħodu attenti għax (A) u (Ċ) għandhom parti minnhom li hi replikata. Mela, biex l-affarijiet jiġu jaqraw sewwa rridu ngħidu li, (A) għandha 49 + 32 = 81, u (Ċ) għandha 47 + 32 = 79. Mit-tabella joħroġ ukoll li, il-mużika ġiet mqassma fi 11-il taqsima, bi tnejn f'(A), sitta f'(B), tnejn oħra f'(Ċ), u l-koda għaliha. Minn dan joħroġ li, it-taqsimiet il-kbar qedin jibbilanċjaw 'il xulxin mhux biss f'dak li għandu x'jaqsam ma' għadd ta' battuti, imma wkoll f'dik li hi arkitettura. Dan għaliex (A) u (Ċ), apparti li qedin fuq kull naħa ta' (B), għandhom tema ta' 32

battuta rrepettuti, u li jidħlu għaliha minn passaġġ li jservi ta' introduzzjoni. U jekk tqiegħed it-tliet taqsimiet il-kbar fl-ordni tagħhom, issib li jiffurmaw bħal tliet arkati mdaqqsin, b'dik tan-nofs tkun ftit akbar għax jerġa' maqsuma f'żewġ arkati iżgħar li jikkomprendu a + b + $a^1$ fuq naħa u fanfarra + $a^2$ + fanfarra fuq in-naħa l-oħra, u li meta tħares lejhom joffru festa sħiħa ta' simetrija. Iżda din is-simetrija mhix qegħda biss fl-istruttura ta' dax-xogħol, għax kif ser naraw, anki l-mod kif tfasslu ċerti motivi, u li fuqhom imbagħad, ġew mibnijin it-temi ewlenin, u materjal ieħor li jinsab mferrex f'kull taqsima, joffri dan l-istess ħsieb ta' perspettiva. Biex nissostanzja dan li qed ngħid, inġib hawn taħt xi ftit eżempji, billi nibda bl-ewwel parti tal-introduzzjoni (b. 1 – 8):




F'din ir-riduzzjoni għall-pjanu għandna sentenza ta' tmien battuti li tinqasam f'żewġ frażijiet daqsinsew, bit-tieni waħda twieġeb mużikalment tajjeb lill-ewwel waħda. Jekk wieħed jieħu l-ewwel erba' noti tal-melodija, li huma SI*b* – Mi*b* – DO – SI*b* u jqabbilhom mat-tieni grupp ta' noti, li huma LA*b* – SOL – SI*b* – FA jsib li, dan tal-aħħar mhux għajr l-inverzjoni retrograda tal-grupp ta' qablu. Ħalli nispjegalkom ftit. Fl-ewwel grupp, is-SI*b* titla' b'qabża lejn MIb (intervall ta' kwarta pefetta), li min-naħa tagħha tinżel lejn DO (intervall ta' terza minuri), biex din imbagħad, tinżel tarġa lura lejn SI*b* (intervall ta' ton), li hi n-nota li minnha konna bdejna. Issa, jekk tieħu l-intervalli ta' wara quddiem, u fejn nota titla', tniżżilha u viċeversa, ssib li kollox jaqra bil-maqlub u ta' taħt fuq fl-istess ħin. Dettalji oħra li xtaqt naċċenna fuqhom huma dawn: (a) l-intervall tal-kwarta perfetta fil-bidu tas-sentenza jgħin biex il-mużika tibda fuq nota ġubilanti. Ħafna mix-xogħlijiet tal-perjodu Barokk jibdew b'dan il-mod; (b) l-introduzzjoni għandha minn mota ferriħija ta' sett ta' erba' qniepen idoqqu l-*Ave Maria* ma' nżul ix-xemx. Fil-fatt, din tiftaħ bl-istess mod (i.e., intervall ta' kwarta perfetta) kif il-kelma *a-ve* (sliem) tiftaħ l-għanja tant ħelwa lill-Madonna; (ċ) l-introduzzjoni timxi fuq serje ta' akkordji li fihom infushom huma l-motiv, imma li fl-istess ħin, meta tqiegħdhom wara xuxlin, in-noti li jkun hemm fil-wiċċ joħolqulek bħal speċi ta' motiv ieħor, did-darba fil-mimdud; (d) hemm



motiv ieħor, did-darba ritmiku, u li fl-introduzzjoni jinsab kważi f'kull battuta. Dan jikkonsisti fi kroma bil-punt u semikroma, liema ritmu huwa mtenni. Il-motiv mhux għajr diminuzzjoni ritmika tal-motiv l-ieħor li wkoll, hu magħmul minn melodija ta' erba' noti. Hawn qisek għandek żewġ affarijiet mexjin b'ritmu differenti, kif fil-fatt jiġri meta tindaqq xi mota. Dawn iż-żewġ motivi, fil-fatt, jibqgħu jidwu tul ix-xogħol kollu. Fil-każ tas-sentenza l-oħra (b. 9 – 16), din għandha mill-istess attribwiti.

L-ewwel replika (b.18 - 48-9 [50-$51^1$]): Din tinqasam f'żewġ partijiet ta' 16-il battuta l-waħda, bit-tieni waħda mmarkata bin-numru 1 ta' waqt il-provi. Fl-ewwel parti (b. 18 – 33) terġa' tinstema' t-tema kollha li kellna fl-introduzzjoni, did-darba bil-mod (*piano*), bħallikieku leħen il-qniepen huwa ġej mill-bogħod. Dan joħloq atmosfera serena fejn l-ewfonji kemm kemm imissu xofftejhom mal-istrument biex iwieġbu lura. Fl-isfond imbagħad, hemm il-korni u t-trumbuni għaddejjin b'ritmu sinkopat. Fit-tieni parti l-mużika bħal donnha tfur għax f'temp ta' żewġ battuti titla' għal qawwi ħafna (*fortissimo*) fl-ewwel sentenza (b. 34 – 41), u l-istess tagħmel fit-tieni waħda (b. 42 - 48-9 [50-$51^1$]), bid-differenza imma li, il-volum hawnhekk jerġa' jaqa' f'salt wieħed biex hi tmur u tagħlaq fuq kadenza bħal f'xi arja operistika.

Kif ġa spjegajt aktar 'il quddiem, il-passaġġ tan-nofs (B) ($51^2$ – $136^1$) jaqa' taħt sitt taqsimiet żgħar kif imfisser fit-tabella. Hawn li jinteressana hu biss il-fanfarra li hemm f'battuti 98 – 107 (u l-oħra bħalha li qegħda f'battuti 126 – 136), għal mod kif inhija mibnija f'dik li għandu x'jaqsam ma'

polifonija ritmika. Ibda’ biex, it-tnejn li huma għandhom l-istess tul ta’ battuti, u għaldaqstant, li ser ngħid fuq waħda jkun jgħodd ukoll għall-oħra. Kull fanfarra jerġa’ tinqasam f’żewġ frażijiet daqsinsew, fejn it-tieni waħda mhix għajr ir-replika tal-oħra. Għal dan il-għan, hawn taħt qed inġib eżempju (f’termini ta’ ritmi) ħalli nkun nista’ nuri l-mod pjuttost kompless ta’ kif qed tinħadem il-biċċa. L-eżempju hu mifrux fuq pentagrammi separati li jirrappreżentaw l-erba’ gruppi differenti ta’ strumenti li qedin jipparteċipaw. Kif mistenni, il-fanfarra tiftaħ bid-daqq tal-istrumenti tar-ram, i.e. kurunetti, korni u trumbuni. Din is-sejħa, li tindaqq fuq l-istess nota, tiġi mwieġba mill-klarinetti permezz ta’ arpeġġ imqassam f’semikromi, li jibda minn isfel u jitla’ b’mod imtarraġ, ‘il fuq. Fl-istess ħin, magħhom jidħlu wkoll il-baxxi b’arpeġġ ieħor, b’valuri differenti, li jeħodhom minn fuq għall-isfel. Sadattant ukoll, il-korni ma jħalluhilhomx għaddejja lixxa għax, għal kuntrarju tal-kurunetta, li jibqgħu jżommu l-istess nota twila, jiddeċiedu li jmorru għal ritmu sinkopat. M’għandniex xi ngħidu li, b’dan ir-rambaġġ kollu għaddej, il-pjatta sola biss tista’ twaqqafhom!:




U, la qedin fiha, ngħid xiħaġa wkoll fuq il-passaġġ ħolqa li hemm f’battuti 108 – 110, għax dan jieħu ir-ritmu tal-ewwel żewġ battuti minn tal-eżempju ta’ hawn fuq, fejn hemm immarkat bl-ittra ‘a’, u minnu joħloq bħal speċi ta’ strett żgħir fejn il-gruppi jidħlu jħokku ma’ xulxin, bit-tarf tal-wieħed jirkeb fuq l-ieħor:




F’dak li huwa triju mbagħad (b. 137 – 179), hemm ukoll xi punti bil-wisq interessanti li wieħed jagħmel sew jekk jitkellem dwarhom. (Hawnhekk tajjeb infakkar mill-ewwel li, it-tonalità issa mbidlet u qegħda in LA*b* Maġġuri. Għaldaqstant, wieħed għandu joqgħod attent meta niġi biex nikkwota xi eżempju.) Nibda biex nitkellem fuq l-ewwel tmien battuti minn tal-introduzzjoni (b. 137 -143) għax din, kif ser naraw, għandha ħafna mill-introduzzjoni tal-bidu. Bħas-soltu, din hija magħmula minn sentenza ta’ tmien battuti, u maqsuma f’żewġ frażijiet. Fiha, jidħlu jdoqqu l-ewfonji u l-baxxi weħidhom. Mad-daqqa t’għajn, wieħed jinduna mill-ewwel li hawn qedin nitkellmu fuq l-istess motiv li tkellimna dwaru fl-ewwel introduzzjoni (b. 1- 8). Biex nagħmel l-affarijiet aktar ċari, fl-eżempju ta’ hawn taħt qed nislet l-ewwel erba’ battuti ta’ kull waħda minnhom u npoġġihom ħdejn xulxin għal aktar skrutinju:



Dawn iż-żewġ motivi mmarkajthom bl-ittra ‘x’ u ‘$x^1$’ rispettivament biex nuri li t-tieni wieħed huwa ħiereġ mill-ewwel wieħed. Tant hu hekk li, dan tal-aħħar kulma hu inverżjoni tal-ieħor, bin-noti tielgħin jew neżlin bil-maqblub ta’ xulxin. Fejn qabel, it-tieni miż-żewġ noti tal-intervall kienet ogħla f’’x’, issa saret ibjex minn ta’ qabilha f’‘$x^1$’. Xiħaġa wkoll ta’ min jinnotaha hi li, bl-istess mod kif il-pern tal-ewwel motiv hija n-nota dominanti (V), i.e. SI*b,* hekk ukoll fil-każ tat-tieni wieħed hija il-MI*b*, peress li din taħbat proprju n-nota dominanti ta’ LA*b* Maġġuri. Il-bqija tal-erba’ battuti tal-introduzzjoni (144 – 147) jikkonsistu biss f’dik li aħna nsejħulha estenzjoni, u li fiha l-akkumpanjament isib il-ħin biex jinstalla ruħu.

L-istrett żgħir li kellna fil-passaġġ ħolqa (b. 108 – 110) isib l-eku tiegħu, għalkemm f’ritmu għal kollox differenti, f’battuti 152 – 4 u 160 – 2. Hawn taħt, qed inġib l-eżempju biex nuri b’mod ċar kif gruppi ta’ strumenti jidħlu wara xulxin biex joħolqu dan l-effett ta’ diwi. Fiż-żewġ każijiet insibu li, l-ewwel jidħlu l-ewfonji, mbagħad il-klarinetti sekondi u kurunetti ottava fuqhom, u mbagħad jerġa’ l-klarinetti u l-flawt ottava fuq ta’ qabilhom. Dan it-tip ta’ orkestrar aħna nsibuh bħala l-‘effet imrewħa’ għas-sempliċi raġuni li x-xogħol jiftaħ bl-istess mod kif din l-għodda tinfetaħ nofs tond biex, bit-tferfir tagħha, jitqanqal riħ ħafif li jgħin ħalli tittaffa s-sħana fil-wiċċ. Fit-tieni każ ukoll, jerġa’ jitfaċċa l-intervall tal-kwarta perfetta (immarkat b’’$x^1$’) f’battuta 160, u li mbagħad jipperpetwa ruħu fil-bqija tal-battuti. Dan ifisser li, l-eku jeżisti wkoll f’dan is-sens, u li allura jagħmel minn dawn l-interventi rwol doppju:




Iżda, dan l-‘effett imrewħa’ huwa riżultat ta’ azzjoni li tkun inbdiet ftit qabel mill-ewfonji f’battuta 148. Fil-fatt, din mhix għajr il-bidu tal-ewwel nofs tas-sentenza li biha jiftaħ it-triju. Qed inġib l-eżempju ta’ hawn taħt biex nispjega ftit il-metodu li uża Pullicino meta ġie biex jibni l-materjal tiegħu. Magħruf bl-Ingliż bħala ‘*Ready, steady, go’*, dan il-metodu jippermetti li tiżviluppa l-materjal tiegħek billi tibni fuq l-istess motiv permezz tar-repetizzjoni, l-istess bħalma atleta jieħu l-pożizzjoni tiegħu qabel ma jitlaq jiġri b’kemm għandu saħħa mat-tifqigħa tal-isparatura. Wieħed ma jridx wisq immaġinazzjoni biex jinduna li, permezz ta’ dan il-proċess, Pullicino jirnexxilu joħloq dik l-oxxillazzjoni li għandha mit-tranja li tħalli warajha dgħajsa tas-sajd. Huwa proprju l-impetu ta’ dan iċ-ċaqliq li mbagħad iwassalna għall-‘effet imrewħa’ li semmejna aktar kmieni. Ma nistax ma ngħidx xiħaġa wkoll fuq il-motiv innfisu li kien hu l-mutur ta’ kollox. Dan huwa dak il-motiv ritmiku li konna ltqajna miegħu fl-ewwel introduzzjoni, u li jifforma parti mit-tema ewlenija fl-ewwel replika. Huwa wkoll il-motiv li jissarraf fis-sett ta’ erba’ kromi li nsibu f’battuti 139 u 143 tat-tieni introduzzjoni li twassalna għat-triju. U nistgħu nibqgħu sejrin hekk bla ma qatt nispiċċaw:



Niġu issa għall-aħħar waħda minn sensiela ta' osservazzjonijiet li jien ressaqtilkom f'dan l-artiklu f'dak li jirrigwardja l-użu strutturali tal-orkestrazzjoni u l-proċess morfoloġiku tal-motiv ewlieni li minnu huwa msawwar dan il-marċ sinfoniku. Ibda biex, l-element tal-qniepen idoqqu jibqa' sal-



aħħar mument, saħansitra fl-aħħar sitt battuti tal-koda (b. 180 – 185) li fiha, il-mota ferriħija tagħhom tilħaq il-milja tagħha. Hawn tajjeb li nġib silta minnha biex il-qarrej ikun jista' jifhem u japprezza x-xogħol aħjar. Mill-eżempju jidher ċar li, kull grupp ta' strumenti f'kull waħda mill-erba' pentagrammi huwa għaddej b'ritmu għalih, li jibda mis-semikromi tal-klarinetti, it-terzini tal-kurunetti, il-kromi tal-korni, u s-semiminimi tal-ewfonji u l-baxxi. Imma, għalkemm kull grupp jidher li orizzontalment qed jinseġ mota għalih, fil-fatt, dawn huma kollha vertikalment suġġetti għall-istess grupp ta' erba' akkordji li bejniethom jiffurmaw dak li aħna nsejħulu wieħed kadenzjali. Dan għaliex, dan il-grupp jinkludi tip ta' akkordji li, meta tqiegħdhom wara xulxin jagħtuk x'tifhem li x-xogħol ikun wasal fi tmiemu. Mill-erba' akkordji involuti, l-aktar interessanti huwa t-tieni wieħed il-għaliex lewnu huwa kromatiku minħabba l-preżenza tal-FA*b*. Din in-nota partikolari diġà konna ltqajna magħha fl-introduzzjoni ta' qabel il-triju f'battuta 141, imma sa dak il-ħin ma konniex għadna qedin nifhmu li hija qegħda tifforma parti mill-akkordju tas-sottomedjanti (VI), fejn il-mamma hija mniżżla b'nofs ton minn FA għal FA*b*. Interessanti wkoll, is-sens ta' moviment kutrarju li qed jinħoloq bejn il-partijiet estremi, bil-klarinetti u l-kurunetti tielgħin fin-naħa ta' fuq, u l-ewfonji u l-baxxi neżlin fin-naħa t'isfel. Min-naħa tagħhom, il-korni jżommu linja pjuttost oblikwa.



U xi ngħidu għall-aħħar żewġ battuti (b. 184 – 5), b'dak l-akkordju kbir u sabiħ mifrux mal-erba' pentagrammi, u b'kuruna twila mqiegħda fuq rasu, tistħajlu xi kampnar għoli. Tħares lejh biss ukoll iqabbdek vertiġni! U filwaqt li tkun għadek tixxejjer bil-mejt fuqek, iż-żewġ tokki qawwijin tal-aħħar tħosshom jaqtgħu minn ġewwa. U meta tiġi f'tiegħek, issibek qed iċċapċap bil-qawwi bla ma tkun trid. Dak ifisser li tkun fhimt is-sbuħija ta' dax-xogħol fl-istil inimitabbli ta' Pullicino.



**RITRATT TAL-AĦĦAR**: Xena pittoreska oħra li turi parti mill-bajja ta' Spinola, fejn hemm ukoll l-istatwa tal-ġebel ta' San Ġiljan li ilha mwaqqfa f'misraħ Spinola sa mill-1836. Jingħad li, kien hemm nixxiegħa tal-ilma ħelu li fiha, għadd ta' ommijiet kienu jniżżlu lit-trabi tagħhom morda ħalli jfiequ. Tidher ukoll il-bandiera ta' San Ġiljan tittajjar fuq arblu tal-festa. L-ilwien tagħha huma iswed, isfar, u aħmar, l-istess bħall-bandiera Belġjana. Dan peress li, il-Qaddis patrun ta' dan ir-raħal jingħad li kien ġej minn dan il-pajjiż.

GLOSSARJU:

ĊIMBLU *(glockenspiel)*: Kelma li, bil-Ġermaniż tfisser *mota qniepen*. Strument tal-perkussjoni li jikkonsisti fi 30 żbarra tal-metall mhux kollha tal-istess tul u mqegħdin bħal f'tastiera tal-pjanu li

jipproduċu noti differenti meta jintlaqtu minn żewġ imrietel ħfief bir-ras ta' gomma ratba jew iebsa, tal-injam jew metall. Il-ħoss tiegħu huwa wieħed brillanti u fiddien.

INTERVALL: Kejl li bih tkun taf kemm hemm distanza bejn nota u oħra. Dan isir billi tgħodd kemm hemm gradi bejn in-nota ta' taħt u dik ta'fuqha jew warajha. Intervalli li ma jaqbżux l-ottava huma sempliċi, filwaqt li dawk li jissuperawha huma komposti.

KADENZA: Fil-każ tagħna hija dik b'ħafna noti qosra u li ma jkollha l-ebda akkumpanjament li normalment kienet tintuża biex ittemm xi arja operistika. Oriġinarjament, kadenza kienet tindaqq jew titkanta spirtu pront, imma tista' tkun ukoll tiġi mħejjija minn qabel permezz tal-kitba.

KATUBA: Hija l-akbar fost it-tnabar kollha u tiġi f'diversi daqsijiet - dik li tintuża waqt marċ hija iżgħar fid-daqs minn waħda li tintuża waqt xi kunċert minn orkestra jew banda sinfonika fejn il-ħoss tagħha jkun aktar mfannad. Katuba hija magħmula minn qoxra rqiqa tal-injam li jservi ta' qafas kbir u tond u b'żewġ iġlud stirati fuq kull naħa. Għaliha tintuża stikka mill-kbar, imma waqt xi kunċert orkestrali/bandistiku ġieli jintużaw il-bsaten, jew mazzarelli, biex ikunu jistgħu jsiru anki rollijiet fuqha.

KJAVI: Huma s-sinjali li bihom jiġi ffissat l-isem tan-noti; dawn is-sinjali jinsabu fil-bidu ta' kull biċċa mużika. Hemm tliet tipi ta' kjavi: tal-vjolin, tal-kuntralt, u tal-baxx. Dawn huma wisq meħtieġa għat-trasport tal-istrumenti.

KREXXENDO: Mod wieħed kif il-mużika tista' żżidilha fil-volum ftit ftit u mhux f'daqqa. Din id-direzzjoni tista' tingħata permezz tal-kitba billi tniżżel *crescendo* jew *cresc.*, fil-qosor, jonkella permezz ta' sinjal f'forma ta' furfiċetta li jitqiegħed mimdud taħt noti singulari, jew grupp ta'noti, bin-naħa l-wiesa' tħares lejn dawk li inti tkun tixtieq li jikbru fil-ħoss. *Decrescendo,* jew *decresc.*, fil-qosor huwa meta inti tkun trid li l-ħoss jiċkien flok jikber b'mod gradwali.

LIBRETT: Ktejjeb li fih jiġbor sett ta' marċi, brijużi, jew oħrajn, għalbiex jindaqqu fit-triq. Il-bandist ikun jista' jdoqq minn fuqu billi jehmżu ma' leġiju żgħir li jkun marbut mal-istrument. Dan ikun imwaħħal b'tali mod li, la jkun viċin, u lanqas 'il bogħod wisq minn min ikun qed jaqra minn fuq il-librett. Għax, jekk iżommu wisq viċin jispiċċa mwerreċ, u wisq 'il bogħod, jispiċċa lanqas jaqra nota waħda, aktar u aktar jekk it-triq tkun mudlama, jew għax in-noti jkunu żżellgħu bl-għaraq, jonkella għax ikun waqa' fuqu xi erba' qatriet luminata jew birra. Dari, il-marċi kienu jinkitbu kollha bl-idejn b'pinna u inka apposta, u kien fihom biċċa xogħol tant li kien jitqabbad kopista. Imma llum saret moda li jiddaħħlu ġo kompjuter u jiġu pprintjati.

PAWSA: magħrufa wkoll bħala *kuruna,* jew *pont inkurunat.* Din tikkonsisti f'sinjal, għamla ta' nofs tond u tikka fin-nofs, li jitqiegħed dejjem fuq ras in-nota. Dan iservi biex biha żżomm il-valur tan-nota itwal milli suppost skont kif jiddetta s-surmast, li min-naħa tiegħu, aktarx jistrieħ fuq kemm idum sejjer il-ħoss tat-tifqigħa. Tajjeb li ngħidu li, hemm żewġ modi ta' kif wieħed jista' jdoqq il-pjatti: (a) billi tħabbathom flimkien u toħnoq il-ħoss tagħhom mill-ewwel billi trosshom ftit mas-sider; (b) tħabbathom flimkien u tgħollihom tiġri 'il fuq bgħid minnek kemm jista' jkun, u kif tkun hekk b'idejk it-tnejn miftuħin beraħ tħalli l-kraxxjatura tnin u tmut.

PLATTI: Dawn jikkonsistu f'żewġ diski kbar u ċatti tar-ram (jew metal imħallat) bin-nofs tagħhom ftit ibbuzzat 'il barra, u toqba minfejn joħroġ maqbad tal-ġild li jintlibes mal-pala tal-id f'forma ta' ponn. Jintużaw l-aktar f'waqtiet meta l-orkestra/banda tkun għaddejja fl-aqwa tagħha fejn il-mużika bħal donnha tkun trid tilħaq il-qofol tagħha.

QNIEPEN TUBULARI: Sensiela ta' kanen azzarjati li bejniethom jkopru skala kromatika. Il-qniepen ikunu mdendlin minn rashom b'qafla soda li tgħaddi minn ġo ganċ ma' fuq tal-qafas tal-

injam. Jindaqqu billi taħbat ħafif fin-naħa ta' fuq tagħhom b'mazza żgħira bir-ras aktarx tal-injam. L-effet tagħhom jista' jkun wieħed drammatiku, bħalma nsibu fl-overtura 1812 ta' Tchaikowsky. Il-qniepen ifakkruna wkoll fis-*solo* ħelu ta' *Bells Across the Meadows* (jew Qniepen min-nofs il-Bwar) ta' Albert W. Ketèlbey, silta mużikali popolari ħafna fost il-baned Maltin. Jingħad li, dan il-kompożitur kien ispirat mid-daqq tal-qniepen tal-knisja waqt li kien fuq btala fil-gżira Għawdxija.

REPLIKA: Sinjali apposta li jservu biex tirreplika n-noti kollha jew il-battuti li jkunu magħluqin fuq kull naħa tagħhom. Utli ħafna għalbiex tiffranka milli toqgħod tikteb l-istess passaġġ għal darbtejn, liema passaġġ jista' jkun fih ħafna noti.

SINJAL TAL-MIŻURA: f'kelma oħra huwa t-temp li jurina kif titħabbat biċċa mużika, jew kif hi mqassma l-battuta. Il-mużika kollha hi msejsa fuq it-temp doppju (*duple*) jew triplu (*triple*), u l-multiplu tagħhom. Iż-żewġ numri fuq xulxin li jkollna fil-bidu ta' biċċa mużika juruna l-għadd u d-dewmien tan-noti rispettivament. Dan għaliex, kull battuta għandu jkollha ċertu għadd stabbilit ta' dewmien.

SINJALI KONVENZJONALI: bħal ngħidu aħna *Dal* % al ⇒, jew kliem ieħor bħal *Da Capo,* Fine

SINKOPI: Din tiġri meta nota taħbat b'mod illi nofs il-valur tagħha jaqa' fuq il-parti forti u n-nofs l-ieħor fuq id-deboli.

SPINOLA: L-isem ġej mill-Palazz li darba kien iservi ta' villeġġjatura għall-prijur tal-Lombardija, Paolo Giovanni Raffaele Spinola. Din il-villa kbira kienet inbniet fl-1668, flimkien ma' knisja dedikata f'isem il-Kunċizzjoni.

STANGETTA: Hija dik li bl-Ingliż insejħulha *bar-line*. Xogħlha hu, li tifred battuta minn oħra permezz ta' linja wieqfa li titpoġġa fuq il-pentagramma.

TANBUR: Dan għandu forma tonda b'żewġ naħat ċatti miksija b'ġilda stirata u jitħabbat b'par bsaten b'irwajsa fuq. Għalkemm l-għamla ċilindrika tiegħu tixbah ħafna lil dik tal-katuba, id-daqs tiegħu huwa ħafn' iżgħir. Biex jindaqq, it-tanbur irid ikun imil fuq ġenb wieħed. Taħt ikollu wkoll sett ta' wajers irqaq (*snare*) li għandhom miz-zekzik tas-sriep.

TEMP: Huwa dak is-sinjal li jurina kif titħabbat biċċa mużika, jew kif hi mqassma l-battuta. Il-mużika kollha hi msejsa fuq it-temp doppju (*duple*) jew triplu (*triple*), u l-multiplu tagħhom. Iż-żewġ numri fuq xulxin li jkollna fil-bidu ta' biċċa mużika juruna l-għadd u d-dewmien tan-noti rispettivament. Dan għaliex, kull battuta għandu jkollha ċertu għadd stabbilit ta' dewmien.

TIMPANU: Jekk wieħed iqalleb fil-miklem malti għandu mnejn isib xi ftit tad-diżgwid f'dak li għandu x'jaqsam mat-tifsira tal-kelma. Ibda biex, tímpan<u>u</u> (pl. timpani) [N.B. Biex din il-kelma tingħad sewwa, l-aċċent tal-kelma għandu jaqa' fuq l-ewwel sillaba] u mhux timpan<u>a</u>, dak l-għaġin/mqarrun imqatta' u mħawwar b'laġam kapuljat, bajd, ġobon, kunserva tat-tadam u x'naf jien u miksi b'biċċa għaġina u moħmi l-forn! Issa, id-definizzjoni li jagħtina Mario Seracino-Inglott, fid-*Dizzjunarju Malti u teżawru ta' malti mħaddem* sfortunatament mhix korretta meta jgħidilna hekk: platt tar-ram kbir f'banda/orkestra li ma' ieħor bħalu jissejħu zinnatati/platti, u li timpanist huwa allura daqqâq tal-platti/zinnatati. Mill-banda l-oħra, Joseph Aquilina, fil-*Concise Maltese English – English Maltese Dictionary* jagħtina t-traduzzjoni t-tajba tal-kelma: *timpano* jew *kettledrum.*

It-timpanu jikkonsisti f'kaldarun kbir tar-ram li jkollu l-wiċċ tiegħu miksi b'inċirata magħmula mill-ġild tal-annimal jew materjal ieħor sintetiku bħalma hu l-plastik. Dari kien jintona ruħu billi tħoll jew tissikka il-vireg li jkollu mad-dawra tiegħu permezz ta' muftieħ apposta. Illum il-ġurnata, it-timpanu jagħmel użu minn pedala tas-sieq li tkun immarkata b'kemm għandha titla' jew tinżel nota partikulari. Ħafna baned ikunu mgħammrin b'par jew aktar minnhom, filwaqt li, f'orkestra

ikollha minn erbgħa sa ħamsa. Jindaqq permezz ta' par mazzarelli bit-tarf tagħhom miksi bil-pannu, sponża, sufra, jew tip ta' injam ħafif.

TONALITÀ: jew TON, huwa l-isem ta' dik in-nota li tkun il-bażi ta' kull biċċa mużika. Kull kompożizzjoni fl-istil tradizzjonali għandu jkollha nota li tkun il-bażi tagħha. B'kollox hemm tletin ton differenti li jinqasmu bin-nofs f'maġġuri u minuri.

TRIJANGLU: Ismu miegħu, għax għandu forma ta' trijanglu, jew tliet angoli magħluqa bi tlitt iġnieb, u b'kantuniera minnhom titħalla miftuħa Dan ikun magħmul minn virga tal-azzar u jindaqq billi jiddendel ma'xi tarf ta' leġiju jew jinżamm bi spaga f'id il-waħda u bl-oħra jiġi maħbut ħafif b'virga tal-metall. Il-ħoss tiegħu huwa tabilħaqq penetranti u irqiq, imma m'għandux nota fissa.

BIBLIOGRAFIJA:

Borg Andrew: **Dun Anton, kitbietu miġbura – Dun Anton dwar San Ġiljan (vol. 2)** - Deer Publications (2010).

Deguara Frans: **Aktar dwar is-Surmast Ġanni Vella (1890 – 1955)**. Programm tal-Festa Santa Marija Mosta 2011 - Soċjetà Filarmonika Nicoló Isouard, pġ. 55-61.

Mifsud Bonnici Robert: **Dizzjunarju bio-bibljografiku Nazzjonali** – Dipartiment tal-Informazzjoni Malta (1960).

Vella Bondin Joseph: **Il-mużika ta' Malta fis-sekli Dsatax u Għoxrin** (nru. 19) - Kullana Kulturali. PIN (2000).